# National Team Selected for Mediterranean Bowling Championships

After three days of play on tough conditions, the Maltese National Team selection for this year's Mediterranean Bowling Championships (MBC) was finalised. The national team is comprised of the top two men and the top two women after 24 games of play.




*Team Malta for the MBC 2022 in May. Pictured left to right are Rankin Luke Camilleri, Melissa Swift, Edward Mifsud (President of the MBA), Cynthia Frendo Duca, and Mauro Anastasi.*

In the female division, Cynthia Frendo Duca narrowly beat out Melissa Swift for the top spot in the final game of the grueling qualifying tournament; after 24 games, they were separated by just 17 pins. The two women played well enough to edge out Sue Abela – the reigning European champion finished closely behind them in 3rd place. Frendo Duca averaged 187.58 while Swift averaged 186.88 over the three days of play.

Mauro Anastasi and Rankin Luke Camilleri led the way in the male division for two of the three days of this qualifying tournament, with the former finishing as the top seed. Anastasi was the only player from both male and female divisions to average 200+ in the tiresome competition. Anastasi also bowled the high game of the tournament with a 275 game. The 5-time reigning national champion averaged 203.08 while second seed Camilleri averaged a highly respectable 195.21 along the way.

The Mediterranean Bowling championships are scheduled to be played in Athens, Greece during the first week of May 2022.

# Tim Nazzjonali jintgħażel għall-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling

Wara tlett ijiem logħob fuq pattern taż-żejt diffiċli, it-tim nazzjonali ta' Malta tal-bowling ġie magħżul għall-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling (MBC) 2022. L-iskwadra hija magħmula mill-atleti li klassifikaw fl-ewwel żewġ postijiet mill-irġiel u nisa wara 24 logħba li ġew imħejjija speċifikament għal dan il-kampjonat prestiġjuż.

Fil-kategorija tan-nisa, l-isfida għall-ewwel post kienet bejn Cynthia Frendo Duca u Melissa Swift. Iż-żewġt atleti kienu għadhom qed jissieltu għall-ewwel post wara it-23 logħba, iżda Frendo Duca giet ikkonfermata bħala r-rebbieħa fl-aħħar logħba tat-turnamet, wara li kisbet distakk żgħir ta' 17-il pin fuq l-adversarja tagħha. Kemm Frendo Duca u Swift irnexxielhom jgħelbu lil Sue Abela, il-kampjonessa kurrenti tal-Ewropa, li spiċċat fit-tielet post wara wirja rispettabbli. L-iskor medju ta' Frendo Duca kien ta' 187.58, filwaqt li dak ta' Swift kien ta' 186.88.

Mauro Anastasi u Rankin Luke Camilleri kklassifaw fl-ewwel u t-tieni post rispettivament fl-aħħar żewġt ijiem ta' logħob intensivi, fejn baqgħu sal-aħħar. Ir-rebbieħ tal-aħħar ħames kampjonati nazzjonali, Anastasi, kien l-unika plejer f'din il-fażi ta' kwalifikazzjoni li spiċċa bi skor medju ta' 'l fuq minn 200, preċiżament bi skor ta' 203.08. Anastasi wkoll lagħab l-ogħla logħba fil-kompetizzjoni, bi skor impressjonanti ta' 275. Camilleri spiċċa bi skor medju ta' 195.21.

Il-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling (magħrufa bħala l-MBC) ser isiru f'Ateni, il-Greċja, fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju.